**Bord li Jirregola l-Kera**

**Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**LayLay Company Limited (C-4534)**

**Vs**

**Jean Paul Deguara (KI: 123482M)**

**Rik Ġur Nru: 389/2022JD**

**Illum 14 ta' Lulju 2022**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors ġuramentat tal-kumpanija rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet u talbet:

1. Illi l-esponenti hija proprjetarja ta' diversi garaxxijiet fi Triq Hector Dalli fiż-Żejtun;
2. Illi l-intimat Jean Paul Deguara kien jikri l-garaxx bl-indirizz 14, Triq Hector Dalli, Żejtun mingħand is-soċjeta' esponenti;
3. Illi l-kera tal-imsemmi garaxx fl-ammont annwu ta' tliet mija u ħamsa u disgħin Ewro (395) pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, bdiet tiddekorri fis-sebgħa ta' Jannar elfejn u erbatax (07/01/2014) u skadiet definittivament fis-6 ta' Jannar tas-sena 2020;

4. Illi minkejja illi l-intimat ġie interpellat kemm verbalment u kif ukoll permezz ta' ittri legali u anke ittra ġudizzjarja sabiex jiżgombra mill-garaxx, huwa baqa' inadempjenti;
5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;
6. Illi din m'hijiex kirja protetta skont il-liġi;
7. Illi l-intimat ma għadda ebda kumpens għall-pussess tal-garaxx minkejja illi għadu jżommu illegalment;
8. Illi l-intimat ma għandu ebda eċċezzjoni jew difiża li jista' jagħti għall-azzjoni magħmula b'dana l-att;
9. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett, li prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, dan il-Bord jogħġbu għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Jgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża;
2. Jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-garaxx bin-numru 14, Triq Hector Dalli, Żejtun u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-Qorti;
3. Jagħti kwalunkwe provvedimenti li jidhirlu xierqa u opportuni skont il-Liġi.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittri legali u dawk uffiċjali kontra l-intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Salv kull dritt ieħor u kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti.

Ra d-dikjarazzjoni ġuramentata.

Ra li l-intimat deher quddiem il-Bord u ammetta t-talbiet.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-intimat deher fis-seduta appuntata u ammetta t-talbiet wara li ħa l-pedana tax-xhieda.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni u anki fid-dawl tad-dokumentazzjoni eżebita l-Bord iqis li t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti huma mistħoqqa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeċiedi billi fuq ammissjoni jilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u ai fini ta' żgumbrament jiffissa terminu perentorju ta' sitt ġimgħat millum.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kif mitlub a karigu tal-intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Maġistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Reġistratur**